**KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR**
Triq il-Profs. Ġuże' Aquilina
Il-Munxar MXR1012

**1.00 Laqgħa Numru 23/13(24_10_13).**

1.01 Minuti tal-laqgħa b'urġenza ta' nhar il-Ħamis 24 t'Ottubru 2013, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Il-Munxar.

L-għan ta' din il-laqgħa b'urġenza huwa sabiex jiġi diskuss żvilupp dwar ix-xogħlijiet fil-Pjazza tal-Knisja.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fis-7.30 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.
Is-Sur Ryan Debrincat - Viċi-Sindku.
Is-Sur Saviour Spiteri - Kunsillier.
Is-Sur Robert Mallia - Kunsillier.
Is-Sinjura Carmen Said - Kunsillier.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Is-Sur Saviour Spiteri ntalab sabiex ma jiħux sehem fid-diskussjoni u fid-deċiżjoni.

1.04 Illum saret laqgħa mad-Direttur u Konsulent fis-Segretarjat Parlamentari għall-Kultura u Gvern Lokali fi ħdan il-Ministeru għat-Turiżmu, is-Sur Michael Cohen. F'din il-laqgħa ġie ssuġġerit li:
Il-proġett jitkompla bil-Kuntrattur li hu Road Construction Co. Ltd. iżda jrid jiddikjara li se jneħħi lis-*Sub Contractor*. Min-naħa tiegħu, jekk il-Kunsillier ikun ser jagħmel xi xogħol f'dak il-kuntratt, il-Kunsillier irid jiddikjara mal-Kunsill li se jkun involut f'dak il-kuntratt u ma jiħux sehem f'dawk id-deċiżjonijiet li jinvolvu dan il-kuntratt.

Kien hemm qbil unanimi dwar din il-proposta u għalhekk il-Kunsill ser jinforma lid-Direttur għall-Gvern Lokali dwar din id-deċiżjoni sabiex il-Kunsill jieħu l-approvazzjoni li jistgħu jitkomplew ix-xogħlijiet.

**Joseph Sultana**
***Sindku.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***